MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 666/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**

**KONTRA**

**WAYNE BRIFFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Wayne Briffa ta’ 23 sena, bin Carmelo u Theresa nee’ Mizzi, mwieled Pieta’ nhar l- 10 ta’ Dicembru 1985, u residenti fil- fond 117 A, Triq il- Kbira, Gudja , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 2986(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- Belt Valletta, nhar id- 19 ta' Mejju 2007 ikkuntratta zwieg ma' persuna ohra meta kien jaf li l- iskop uniku ta' dik il- persuna l- ohra fil- kuntrattar taz- zwieg huwa wiehed jew izjed mill- iskopijiet imsemmija fis- subartikolu (1) tal- Artikolu 38 tal- Kapitolu 255 tal- Ligijiet ta' Malta, cioe li jikseb cittadinanza Maltija, jew liberta' ta' moviment f' Malta, jew permess biex jahdem jew biex jirrisjedi f' Malta, jew id- dritt li jidhol f' Malta, jew id- dritt li jikseb kura medika f'Malta, u dan bi skur subartikolu (3) tal-Artikolu 38 tal- Kapitolu 255 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tat zmien xieraq lill-imputat skond il-ligi biex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat is-Subartikolu (3) tal- Artikolu 38 tal- Kapitolu 255 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' tlitt (3) xhur prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------